**26 ta' Frar, 1965**

**Imħallfin:**

**S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President.**
**Onor. T. Gouder, LL.D.**
**Onor. J. Flores, B.L.Can., LL.D.**

Richard Vincenti Kind pr. et ne.

*versus*

Anthony Camilleri, O.B.E., ne.

**Prattika amministrativa u użu kommerċjali — Dazju —**

*Pratika amministrativa fl-eżazzjoni tad-dazju anke jekk osservata għal żmien twil u uniformament, ma tistax tippresta l-kontenut ta' l-użu.*

*L-użu kummerċjali jippresupponi l-eżerċizzju ta' att tal-kummerċ; inveċe il-Kollettur tad-Dwana jaġixxi fl-isem u għannom ta' li stat u jagħmel atti u funzjonijiet pubbliċi.*

*Ir-relazzjoni bejn l-importatur u l-Kollettur tad-Dwana għall-ħlas tad-dazju m'hiex kontrattwali u kwindi ebda pratika bejniethom ma tista tinħoloq diversa mil-liġi li torbothom bħala vinkolu kontrattwali.*

*Pratika amministrativa tista tkun tajba jew ħażina, fid-dawl tal-liġi li minnha tiddependi.*

*Skond il-liġi, id-dazju għandu proprjament jiġi mħallas fuq il-prezz tax-xiri skond il-fattura bl-addizzjoni ta' l-ispejjeż tat-trasport u l-assigurazzjoni.*

Il-Qorti,

Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maesta Tagħha r-Reġina li bih l-attur proprio et nomine talab li — premessi d-dikjarazzjonijiet u mogħtija l-provvedimenti opportuni — billi l-attur proprio et nomine mporta ġo Malta karrozza Mercedes Benz tip 190D li kien xtara u rtira personalment mill-fabbrika fi Stuttgard il-Ġermanja fid-dsatax ta' Diċembru, 1962, bil-prezz ta' tmien mija u erbatax-il-lira (£814) kif jidher mid-dokument "A" anness maċ-ċitazzjoni liema karrozza meta ġiet importata f'Malta kienet għamlet elf, tliet mija u erbgħa u għoxrin (1324) mil; u billi l-konvenut *nomine*, għall-iskop ta' ħlas ta' dazzju ma qagħadx fuq il-valutazzjoni tal-espert tiegħu, u arbitrarjament ivvaluta l-karrozza bħala użata fis-somma

ta' sebgħa mija u ħams'n lira (£750) u l-attur kellu jħallas, iżda taħt protesta, erba' mija u ħames liri (£405) bħala *dazju biex jirtiraha; u billi dik il-valutazzjoni magħmula* mill-konvenut nom'ne hija esaġerata kif jidher ukoll anki minn stimi ta' *karozzi* simili; jiġi fissat minn din il-Qorti — jekk hemm bżonn permezz ta' periti nominandi, il-valur ġust u reali tal-imsemmija karrozza importata mill-attur fl-erbgħa ta' Diċembru, 1962, kif jirriżulta mill-"entry form" unita maċ-ċitazzjoni, billi l-istess konvenut jiġi kundannat jirrifondi u jirrestitwixxi lil l-attur dik is-somma li tirriżulta li huwa ħallas żejjed, jiġifieri aktar minn dak li kien realment dovut, *bħala dazju għall-importazzjoni tal-imsemmija* karrozza; bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-protest tal-5 ta' Diċembru, 1962, u bl-imgħaxijiet legali min-notifika tal-istess protest.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut nomine li biha qal illi l-kwistjoni hija regolata mid-disposizzjonijiet relativi li jistabilixxu d-dazju li għandu jitħallas f'simili importazzjoni u preċiżament l-artikolu 5 u 16 ta' l-Import and Export Duties Ordinance (Kap. 122); illi fil-fatt id-dazju impost f'dan il-każ huwa anqas minn dak stabilit mill-liġi peress illi bħala konċessjoni amministrattiva l-car in kwistjoni ġiet stmata mill-konvenut £750 biss peress illi kienet *laħqet għamlet approssimativament 1324 mil wara li* nxtrat mill-attur; għalhekk id-domanda attriċi hija nfondata fil-fatt u fid-dritt;

*Rat is-sentenza ta' dik l-Onorabbli Qorti tad-9 ta' Di*ċembru, 1964 li biha laqgħet it-talba ta' l-attur u ddikjarat illi l-valur ġust u reali tal-karrozza in kwistjoni huwa ta' £465 u kkundannat lill-konvenut nomine jħallas u jirrifondi lill-attur is-somma ta' £153.18.0 bl-imgħax legali mid-data tan-notifika tal-protest tal-ħamsa ta' Diċembru, 1962, bl-

*ispejjeż kontra l-konvenut nomine, wara li kkunsidrat:*

Li l-konvenut nomine jirrit'eni li l-kwistjoni in disamina hija regolata mid-disposiz-jonijiet relativi tal-Import and Export Duties Ordinance (Kap. 122), u preċ:żament mill-artikoli 5 u 16 tal-istess liġi.

Li, għandu mill-ewwel jiġi rilevat li d-dispos:zzjoni tal-imsemmija artikoli ma kienetx tiġi osservata mill-konvenut, *minn żmien qabel l-importazzjoni tal-karrozza in kwistjoni*, għal:ex kien qiegħed jiġi adottat sistema ieħor dwar karrozzi wżati li kienu jidħlu għal biex ikunu l'ċenzjati għall-użu lokali. Infatti, Henry Bellizzi, li xehed għall-konvenut qal l: l-proċedura kienet ordinarjament li meta jidħlu karrozzi wżati d-Dwanier iqabbad espert :i kien jiffissa l-valur tal-karrozza wara li jkun ħa in konsiderazzjoni l-istat tagħha kif użata. "Dana l-użu", ikompl: x-xhud Bellizi, "ilu sejjer snin". Irriżulta, ukoll, li Robert Butler kien l-istimatur uffiċjali tal-konvenut nomine, almenu mis-sena 1955. Huwa inoltre, sintomatiku li mill-provi tal-konvenut irriżu'ta li l-kriterju li fuqu bbaża ruħu d-Dwanier biex jasal għall-valutazzjoni tal-karrozza tal-attur, "propijament ma rrikavahix mil-:iġi"; u li f'dana l-każ, josserva x-xhud Be'l'zzi "sa fejn naf jien id-Dipartiment ma kkonsulta ruħu ma' ebda espert biex jifformalu dana l-kriterju fuq karrozzi, pero pprova jsegwi dak li jsir l-Ingilterra fuq karozzi simil'.

Li *imbagħad, mix-xhieda ta' Robert Butler, jirriżulta* inkontrastabilment, li bejnu u d-Dwanier kien sar akkordju ta' *kif* kellhom jiġu stmat: għall-fini tad-dazju karrozzi bħal dik tat-tip tal-attur, u ċioe minn £460 sa £465 meta jidħlu Malta second hand, jiġifieri wżati. Fil-fatt, irriżulta l: huwa

stama dina l-karrozza £450, għaliex kienet damet xi tliet xhur fuq il-kontinent u kienet għamlet ħafna mili.

*Li, inoltri, dana l-użu li d-Dwanier joqgħod fuq l-espert* stimatur, imqabbad minnu, barra milli kien ilu jipprevali ħafna żmien fost l-importaturi tal-karrozzi lokali, kellu fondament razzjonali, approvat u esegwit mill-istess konvenut nomine fuq l-iskorta tal-kriterji deposti mill-istess Robert Butler fix-xhieda minnu mogħtija fis-seduta tas-17 ta' Ġunju, 1964. Dawna l-kriterji kienu qegħdin jiġu applikati mill-konvenut nomine b'ċerta uniformita sas-sena 1962 u preċiżament saż-żmien li daħlet Malta l-karrozza tal-attur.

Li, pero anke f'dana ż-żmien karozza tal-istess tip bħal dik in kwistjoni, li ġiet importata minn J. Said fid-9 ta' Novembru, 1962, ġiet stmata għall-fini tad-dazju, bħala wżata, £465, u rriżulta li kienet għamlet xi 600 mil aktar minn dik in kwistjoni.

Li, mid-dokumenti eżibiti mill-konvenut nomine, jemerġi li dana l-użu kien qiegħed jiġi adottat għal kull tip ta' karozza wżata li kienet tidħol Malta, u li l-valutazzjoni relattiva kienet toxxilla in proporzjon ta'-'cost' tagħha u tal-miljaġġ li tkun għamlet l-istess karozza.

Li, mill-korrispondenza esibita mill-konvenut dina l-Qorti tħoss li ma tistax tirrikava ebda argoment favur il-pretensjoni tal-konvenut, qabel xejn għaliex is-sistema esiġenzjali tad-Dwana ingliża, ma jistax jiġi applikat għalina, billi hawn Malta ma teżistix il-"purchase tax" li tinfluwixxi direttament u sostanzjalment fuq il-prezz tal-karozza; inoltri d-dazju ingliż anqas ma jaqbel ma' dak lokali in riferenza għall-karozzi importati mill-Kontinent.

Li pero, dwar il-kriterji adottati mid-Dwanier ingliż,

f'materja ta' valutazzjoni ta' karozzi importati sekonda man, wżati, wieħed jista jifforma xi *opinjoni mit-telegrammi* relativi esibiti. Minn dawna d-dokumenti jidher li karrozza bħal dik in kwistjoni li tkun għamlet madwar 1500 mil l-Ingilterra kienet tiġi stmata £575. Dina l-istima hija bażata fuq il-prezzijiet tas-suq ingliżi fejn a differenza tas-suq lokali hemm l-inċidenza tal-'purchase tax' li tinfluwixxi markatament fuq il-proporzjon tal-istima.

**Ikkunsidrat:**

Li in vista tal-premess, dina l-Qorti hija tal-fehma li bejn l-importatur ta' karrozza u d-Dipartiment tad-Dwana jinħoloq użu ta' kif kellhom jiġu dazjati karrozzi li jidħlu Malta sekonda man. Dana l-użu ilu jiġi prattikat paċifikament permezz ta' attijiet ripetuti għal żmien rilevanti, b'mod li l-partijiet (l-importatur u d-Dwanier), anke jekk ma ftehmux, jippresumi l-istess ftehmu dwar dak li huwa solitu jsir. B'dana l-atteġġjament bilaterali jinħoloq użu, li jorbot il-volonta tal-kontraenti, anke jekk ma teżistix dik il-prattika abitwali li ġeneralment tiġi osservata in forza tal-liġi. Jgħid, a propositu Bolaffio: "Gli usi contrattuali servendo ad interpretare la volonta dei contraenti, oscura ed incompleta, si applicono in quanto risulti che le parti avevano rivolto ad essi la loro intenzione in modo espresso o tacito. Non occorre, quindi, che si tratti di vero uso, cioe di una pratica giuridica abituale, osservata come legge. Basta che rappresenti il modo abituale di contenersi dei contraenti nelle loro relazioni di affari." (Codice di Commercio Commentato Vol. I, pag. 60). L-istess awtur jiddefinixxi dana l-użu: "Una pratica individuale, considerata come clausola sottintesa, basata sulla intenzione delle parti."

*Li minn dina n-nozzjoni ġuridika tal-użu, il-Vivante jid-*

deriva żewġ rekwisiti; ċioe "(a) l-uso deve essere osservato in modo uniforme per una certa durata; (b) e deve essere osservato come una regola di diritto vigente, e quindi con la convinzione che non si puo impunemente violarlo." (Trattato di Diritto Commerciale, Vol. I, para. II(b) pag. 51; Bianchi — Diritto Civile I, n. 27, 31, Windscheid para. 15; Torti, Istituzioni, I, para. 29).

Li kif ġa osservat il-Qorti. dawna r-rekwisiti jirrikorru fil-każ in esami, tant li l-konvenut nomine ppredilіga s-sistema ġa fuq enunċjat, milli joqgħod għal-liġi, in kwantu dina l-aħħar ma kienetx tidher biżżejjed aġġornata biex tieħu in konsiderazzjoni l-imposizzjoni ta' dazju fuq importazzjoni ta' karrozzi wżati.

L-ġurisprudenza tat-tribunali tagħna segwiet dawna l-prinċipji (Koll'ez. XXV, I, 1059; XXX, III, 1504), u ssanzjonat il-prerogativa tal-Qorti li tapplika dak l-użu "senza occuparsi se la pratica seguita fra le parti e o no un uso generale"; u dana għaliex kif irriteniet il-Qorti tal-Kummerċ fil-kawża "Joseph Vassallo vs. Charles Vella" deċiża fil-25 ta' Novembru, 1954 — "għad-disposizzjonijiet kontenuti fil-Kodiċi jipprevali anke l-użu kummerċjali, id-dritt konswetudinarju kummerċjali li huwa t-tieni parti tad-dritt kummerċjali wara l-liġi kummerċjali.

Li, għalkemm, strettament ma jistax jingħad li l-konvenut bil-fatt tal-esazzjoni tad-dazju qiegħed jagħmel operazzjoni kummerċjali pero, fil-konfront ta' l-attur, u ġeneralment tal-importaturi tal-karozzi, li huma kummerċjanti, dana l-użu jista jiġi kwalifikat biss bħala konness direttament mal-kummerċ tagħhom, u għalhekk fin-nuqqas ta' disposizzjoni espressa jgħodd l-użu tal-kummerċ, kif introdott u pratikat mill-konvenut nomine in relazzjoni mal-imsemmija importaturi (art. 3 Kod. Kum.).

Li kontra dan l-użu ma tistax, għalhekk tiġi inoltrata l-allegata konċessjoni amministrativa, li skond kif jirriżulta, bdiet tieħu aspett u direttivi ġodda wara li l-karrozza in kwistjoni waslet Malta, u fuqha ġie regolarment stabilit id-dazju skond in-normi tal-użu li kien ilu jipprevali minn qabel.

Ikkunsidrat:

Li, għalhekk, it-talba attriċi jistħoqqilha li tiġi milqugħa. Konsegwentement il-Qorti tgħaddi biex tistabilixxi l-valur tal-karrozza in kwistjoni in bażi għall-kriterji u d-dati li rriżultaw, b'mod li tiddikjara l-karrozza ta' tip ta' dik in eżami meħuda in konsiderazzjoni ċ-ċirkostanzi kollha, kompriż il-maximum tal-valur miftihem bejn l-istimatur Butler u l-konvenut *nomine*, għall-fini tad-dazju għandha tiġi stmata £465. Id-dazju viġenti fiż-żmien tal-importazzjoni tal-istess karrozza kien ta' 54%, u għalhekk l-attur messu ħallas l-impost relattiv ta' £251.2.0 u mhux dak pretis mill-konvenut ta' £405. Għalhekk l-attur huwa ntitolat, in linea ta' rifużjoni, għas-somma ta' £153.18.0 li huwa ħallas żejda lill-konvenut taħt protest.

Rat in-nota li biha l-konvenut nomine appella minn dik is-sentenza u l-petizzjoni tiegħu li biha talab li tiġi revokata billi t-talba ta' l-attur tiġi miċħuda bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tiegħu.

Rat ir-risposta ta' l-attur li qal illi s-sentenza appellata hi ġusta u timmerita konferma bl-ispejjeż.

Rat l-atti kollha tal-kawża, semgħat it-trattazzjoni u kkunsidrat:

M'hemmx kwistjoni illi għal diversi snin qabel l-im-

portazzjoni tal-karrozza ta' l-appellat li fuqha hi din il-*kawża, kien hemm prattika jew użu fid-Dipartiment tad*-Dwana illi karrozzi hekk imsejha 'second hand' — kompriżi f'din il-kategorija karrozzi mixtrija ġodda mill-fabbrika (per eżempju fil-Ġermania, jew Franza jew l-Italja) u mis-juqa sa xi port aktarx fl-Italja biex minn hemm jiġu ttras-portati bil-baħar lejn Malta — kienu għall-finijiet tal-ħlas tad-dazju ta' l-importazzjoni jiġu stmati minn "expert valuer" kien Robert Butler. Dana qal, fost affarijiet oħra, meta xehed, illi fl-istimi li hu kien jagħmel għall-appellat, hu kien isegwi kriterji internazzjonali u ta x'wieħed jifhem illi dawn il-kriterji kienu jaqblu anki ma' dawk segwiti fl-Ingilterra.

Ġie żmien illi l-appellat induna, jew insomma deherlu illi li stimi sottomessi lilu minn Robert Butler kienu baxxi wisq u li kien qiegħed isir abbuż manifest mill-prattika li kienet qed tiġi segwita — bi preġudizzju konsiderevoli ta' l-erarju pubbliku — in kwantu li aġenti u dealers ta' kar-rozzi kienu qegħdin jimportaw għall-bejgħ f'Malta, bħala ġodda, karrozzi bil-mod hawn fuq imsemmi li kienu qed jiġu stmati bħala karrozzi 'second hand' bi prezz baxx iżżejjed.

Dana jidher li ġara għall-ħabta tal-bidu ta' Novembru, 1962. L-appellat allura ddeċieda illi jdaħħal sistema ġdid ta' valutazzjoni għal dan it-tip ta' importazzjoni ta' karrozzi u ma baqax iżjed jillikwida d-dazju fuq l-istimi magħmulin minn Robert Butler.

Fl-4 ta' Diċembru, 1962 l-appellat importa l-karrozza in kwistjoni li fiċ-ċitazzjoni u fid-dikjarazzjoni annessa magħ-ha jingħad li hu kien xtara u rtira personalment mill-fab-brika fi-Stuttgart Ġermania, fid-19 ta' Novembru, 1962 bil-prezz ta' £814: wara li għamel dawra kbira fil-Kontinent,

fejn il-karrozza ġiet misjuqa 1324 mil, l-appellat għabba l-karrozza fuq il-vapur "Citta di Tunisi" f Napli biex ġiebha Malta.

L-appellat għamel iċ-ċitazzjoni tant f'ismu propriu kemm bħala Managing Director tad-ditta "Auto Sales Limited". *Huwa magħruf illi l-appellat* u d-ditta huma importaturi u dealers ta' karrozzi. Mill-proċess ma jidhirx (anke għaliex l-appellat innifsu ma xehedx) jekk il-karrozza in kwistjoni ġietx importata għall-użu personali ta' l-appellat jew għan-negozju.

Meta l-karrozza in kwistjoni ġiet importata, Robert Butler stmaha £495 (mhux £465 kif hemm fis-sentenza appellata) iżda l-appellant ma aċċettax dik l-istima u kkalkola, inveċe, *il-valur tagħha għall-finijiet tad-dazju £750.* L-appellat, biex irtira l-karrozza, ħallas id-dazju likwidat mill-appellat fis-somma ta' £405 taħt protesta u mbagħad, permezz taċ-ċitazzjoni odjerna talab illi jiġi ffissat mill-Qorti jekk hemm bżonn b'opera ta' periti, il-valur ġust u reali tal-karrozza u li l-appellant jiġi kkundannat li jirrifondilu l-eċċess ta' dazju li jirriżulta li ħallas.

L-ewwel Onorabbli Qorti, billi sostanzjalment adottat l-istima li kien għamel, kif fuq intqal, Robert Butler (li bi svista qalet *li kienet ta' £465 flok £495) stmat il-karrozza* £465 u kkundannat lill-appellant jirrifondi lill-appellat ammont ta £153. 18. 0.

Issa *l-ewwel ilment ta'-appellant* huwa illi l-ewwel Onorabbli Qorti ġiet indotta fi żball minn Robert Butler in kwantu dan kien interpreta ħażin it-telegrammi. Butler jidher li fehem illi ċ-ċiffra ta' £575 imsemmija f'dawk iż-żewġ telegrammi kienet tirrappreżenta l-prezz li fuqu l-Ingilterra

kien jiġi stmat id-dazju għall-karrozza bħal dik in kwistjoni importata bħala 'second hand'. L-ewwel Onorabbli Qorti, wara li qalet illi mill-korrispondenza eż bita dwar il-pratika ingliża ma setgħatx tirrikava ebda argument favur il-pretensjoni ta' l-appellant għaliex is-sistema esiġenzjali ingliż ma jistax jiġi applikat għalina billi hawn Malta ma hawnx 'purchase tax' u r-rata tad-dazju hi diversa, irriteniet, b'dana kollu, illi dwar il-kriterji adottati mid-Dwanier ingliż f'materja ta' valutazzjoni ta' karrozzi importati sekonda man, wieħed jista jifforma opinjoni mill-imsemmija telegrammi. Minn dawn id-dokumenti — żiedet tgħid l-ewwel Onorabbli Qorti — jidher li karrozza bħal dik in kwistjoni li tkun għam'et madwar 1500 mil l-Ingilterra t'ġi stmata £575: (anzi) din l-istima hi bbażata fuq il-prezzijiet tas-suq ingliż fejn a differenza tas-suq lokali hemm l-inċidenza tal-'purchase tax' li tinfluwixxi markatament fuq il-proporzjon ta' l-istima.

L-appellant jissottometti illi dana kollu hu bażat fuq l-impressjoni żbaljata kreata minn Robert Butler dovuta għall-fehma ħażina ta' dak li jgħidu dawk it-telegrammi — liema interpretazzjoni skorretta l-ewwel Onorabbli Qorti estendiet fis-sentenza appellata. Iċ-ċiffra ta' £575 imsemmija f'dawk it-telegrammi turi mhux il-prezz jew stima li fuqhom ġo l-Inghilterra karrozza bħal dik in kwistjoni tiġi dażjata, iżda tirrappreżenta it-total ta' charges li jiġu eżatti konsistenti f' 'customs duty' fl-ammont ta' £276.17.0. u 'purchase tax' fl-ammont ta' £298. 0. 0.

Fil-fehma ta' din il-Qorti ma jidherx li jista jkun hemm kwistjoni illi dan l-ilment ta' l-appellant hu fondat. Fit-telegramma iċ-ċiffra ta' £575 hi indikata bħala "estimated customs charges", u għad illi fl-abbozz tat-telegramma tiegħu, Butler reġa staqsa jekk il-£575 humiex "the estimated price on which one pays one-third Import Duty",

fit-telegramma ta' risposta raġa ġie ripetut illi l-£575 kienu l-"**estimated total duty and tax payable.**" Li dan kien hekk, jirriżulta komfermat bl-aktar mod ċar fl-ewwel paragrafu ta' l-ittra mibgħuta lil Mr. Laurenti fejn intqal "your letter to Mr. Taft dated 11th December has been referred to this Branch. In the meantime, cables had been exchanged with Mr. R. Butler, Customs car valuer, Floriana Malta, giving the **estimated total United Kingdom Customs Charges** on the two Mercedes car which you mention . . . "

Inveċe mill-istess ittra jidher illi l-prezz li fuqu d-dazju jiġi kkalkolat għall-karrozza bħal dik in kwistjoni hu **£1155** u dan bla ma bl-ebda mod tkun għad ittieħdet f'kunsiderazzjoni jew daħlet fil-komputu l-"purchase tax". Għab-bażi tal-korrispondenza eżibita fil-proċess m'hemmx dubju illi Robert Butler kien għal kollox żbaljat, u għal kuntrarju kien għal kollox korrett Henry Bellizzi meta xehed "mill-korrispondenza li kellna, karrozza bħal dik in kwistjoni kienet tiġi stmata fl-Ingilterra £1153.11.0. Id-dazju fl-Ingilterra hu ta 24% fuqha. Vuoldiri d-dazju fuq din il-karrozza kien ikun ta' £276.17.0. Pero d-dazju ta' Malta hu ta' 54% u kieku kellu jiġi stmat id-dazju kif inhu attwalment kien ikun tal-ammont ta' £622.18.4. fuq il-valur tal-karrozza kif suppost tiġi stmata l-Ingilterra."

Minn dana jidher illi, a paragun ta' dak li l-karrozza in *kwistjoni kienet tiġi stmata l-Ingilterra għall-finijiet* taddazju (u bla ma titqies bl-ebda mod il-purchase tax), l-istima tagħha li għamel l-appellant mhux talli m'hiex akbar, iżda talli hi anqas bi £400 (£750 flok £1155).

Dan il-fatt ċertament ineħħi kwalunkwe valid ta għall-*pretensjoni tal-appellat u ta' Robert Butler illi l-istima li* kien jgħamel dan ta' l-aħħar kienu konformi għal "kriterji

internazzjonali" jew — wisq anqas — għal "kriterji ingliżi": u konversament isostni il-pretensjoni tal-appellant illi, anke *kif rivedut u applikat għall-każ preżenti, il-kriterji ta'* stima adoperat minnu hu (apparti, s'intendi, **ir-rata tad-dazju** li f Malta hi ogħla) **wisq aktar favorevoli għall-importaturi** minn dak adottat fl-Ingilterra.

Iżda dana mhux l-aggravju l-aktar importanti tal-appellanti jew l-aktar verament determinanti għad-deċiżjoni tal-kawża.

L-ewwel Onorabbli Qorti dehriiha illi l-prattika segwita mid-Dipartiment tal-appellant kif issemma hawn fuq għall-istima ta' dawn il-karrozzi importati hawn Malta 'second hand', fuq il-kalkolu magħmul mill-"official valuer" għal diversi snin sas-sena 1962, ħolqot "użu li jorbot il-volonta tal-kontraenti anke jekk ma teżistix dik il-prattika abitwali li ġeneralment tiġi osservata in forza ta' liġi . . . Kontra dan l-użu — żiedet tgħid l-ewwel Onorabbli Qorti — tistax tiġi inoltrata l-konċessjoni amministrativa allegata mill-appellant li, skond ma jirriżulta bdiet tieħu aspett u direttivi ġodda wara li l-karrozza in kwistjoni waslet Malta u fuqha ġie regolarment stabbilit id-dazju skond in-normi ta' l-użu li kien ilu jipprevali minn qabel."

L-appellant jissottometti illi l-prinċipji ta' l-użu kummerċjali ma setgħux jiġu applikati f'din il-kawża. Proprjament — igħid l-appellant — skond il-liġi allura viġenti, anke fuq karrozzi mixtrija u importati, kif ġiet mixtrija u importata l-karrozza in kwistjoni, id-dazju eżiġibbli kien dak stabbilit fl-artikolu 5(1)(a) tal-Kapitolu 122 li kien igħid:

> "The cost of goods for the purpose of ascertaining the amount of ad valorem duty payable thereon, shall

be calculated, if the goods have been purchased by the importer, on the price charged for the said goods by the sender thereof as verified by the genuine invoice of such goods . . . with the addition of the cost of transport including insurance, necessary for the importation of the goods into these Islands."

Iżda, bħala konċessjoni amministrativa, hu kien introduċa sistema li bih kienet tingħata ċerta misura ta' aġevolazzjoni mid-dazju lil nies li wara li jkunu xtraw karrozza barra minn Malta, ikunu għamlu vjaġġ biha fil-kontinent qabel jimportawha Malta. Id-dazju kien jiġi kkalkolat fuq, suppost, il-valur plateali tagħha fil-mument tal-importazzjoni. Dan is-sistema kien intż għal "bona fide used cars". Iżda ġara li, anke minn żmien qabel ma nqalgħet il-kwistjoni ma l-appellat, id-dipartiment beda jħoss ruħu insoddisfatt bl-istimi li kien jagħmel Robert Butler, li kienu jidhru baxxi żżejjed. Il-preokkupazzjoni tad-Dipartiment kibret meta beda jsir evidenti illi mill-prattika fuq imsemmija bdew *jabbużaw aġenti tal-karrozzi biex jimportaw b'dak il-mod karrozzi* biex jbiegħuhom bħala "brand new" fis-suq lokali. Anki Robert Butler fl-aħħar tax-xhieda tiegħu qal — anke jekk mhux b'riferenza partikolari għall-karrozza ta' l-appellat — illi "l-fatt li karrozza tidħol bl-isem tal-aġent ma jfissirx li tidħol għall-użu tiegħu imma jista jkun ġiebha għal xi klijent b'ismu u t'nbiegħ bil-"hire-purchase" . . . skond il-fehma tiegħi l-aġent ikun biegħha bħala new car." Meta d-dipartiment aċċerta li dan l-abbuż kien qiegħed isir b'perdita manifesta għall-erarju, l-appellant irriveda s-sistema sa allura segwit u l-istimi magħmulin minn Robert Butler bdew jiġu riveduti, sa kemm wara ġie introdott sistema bażat fuq perċentaġġ ta' riduzzjoni tal-prezz "ex works" skond il-miljaġġ li tkun għamlet il-karrozza u t-tul taż-żmien li jkun għadda mix-xiri tagħha.

L-appellant josserva illi b'differenza għal dak li jingħad fis-sentenza appellata — ir-reviżjoni ta' l-istimi magħmulin minn Robert Butler bdew isiru sa mis-7 ta' Novembru 1962 ċioe minn qabel ma l-karrozza ta' l-appellat ġiet importata u stmata fit-3 ta' *Diċembru. Hu jsostni li,* trattandosi ta' prattika u konċessjoni purament amministrativa hu kellu d-dritt li jirrivediha minn żmien għall-ieħor. Inveċe s-sentenza appellata timporta illi d-Dipartment kien obbligat li jipperpetwa sistema bażat fuq stimi li kienu jsiru u li rrivelaw ruħhom manifestament erroneji w irreali.

Din il-Qorti ma tħossx li tista ma taqbelx *mar-raġonament* ta' l-appellant. Għar-relazzjonijiet bejn l-appellant bħala Kollettur tad-Dwana u l-appellat bħala importatur tal-karrozza, jew, talvolta, l-importaturi ta' karrozzi f'ċirkostanzi simili, ma tistax tiġi applikata d-dottrina ta' l-"użu kummerċjali".

L-ewwelnett fis-sentenza appellata hi aktarx oskurata d-differenza bejn l-użu kummerċjali bħala suppliment ta' liġi ġenerali u l-użu hekk imsejjaħ kontrattwali. It-tnejn m'humiex l-istess ħaġa: anzi, kif igħid il-Vivanti, ċitat fis-sentenza appellata: "si devono tenere essenzialmente distinti dagli usi che hanno una base legislativa, quelli che hanno una base contrattuale" (Vol. 1 §18 p. 63). Fil-bran ċitat fis-sentenza appellata, Vivante qed jitkellem fuq l-użu legislativ — dak li għalih jirriferexxi l-artikolu 3 tal-Kodiċi tal-Kummerċ tagħna, ukoll ċitat fis-sentenza appellata — meta jgħid illi, huma rekwiżiti ta' dan l-użu illi "dev'essere osservato in modo uniforme per una certa durata" u li "dev'essere osservato come una regola di diritto vigente e quindi colla convenzione che non si puo impunemente violarlo."

Il-Bolaffio, inveċe ukoll ċitat fis-sentenza appellata, fil-

bran ċitat, qed jitkellem mhux mill-użu leġislattiv iżda minn dak li jissejjaħ kontrattwali u li jikkonsisti fi pratika individwali konsiderata bħala klawżola sottintesa, bażata fuq l-intenzjoni tal-partijiet, f'kuntratt li jagħmlu bejniethom.

Dan in-nuqqas ta' distinzjoni bejn l-użu l-wieħed u l-ieħor jinsab ukoll fis-sentenza Vol. XXX, III, 504 ċitata mill-ewwel Onorabbli Qorti.

Issa s-sentenza appellata tirrikonoxxi illi "strettament ma jistax jingħad illi l-appellant bil-fatt tal-eżazzjoni tad-dazju qed jagħmel operazzjoni kummerċjali", pero — dehrilha illi, "fil-konfront ta' l-appellat u ġeneralment tal-importaturi tal-karrozzi, li huma kummerċjanti, dana l-użu jista jiġi kwalifikat bħala konness mal-kummerċ tagħhom u għalhekk fin-nuqqas ta' disposizzjoni espressa jgħodd l-użu tal-kummerċ kif introdott u pratikat mill-appellant in relazzjoni ma l-imsemmija importaturi."

Fil-fehma ta' din il-Qorti, pratika amministrativa fl-eżazzjoni tad-dazju, anke jekk *osservata għal żmien twil u uniformement*, ma tistax tippresta l-kontenut ta' użu, la fis-sens l-wieħed u l-anqas l-ieħor fuq imsemmija. L-użu kummerċjali jippresupponi l-eżerċizzju ta' att tal-kummerċ: *inveċe* l-appellant, bħala Kollettur tad-Dwana, jaġixxi fl-isem u għan-nom ta' li Stat u jagħmel atti u funzjonijiet pubbliċi. Ir-relazzjoni bejn l-importatur u l-Kollettur tad-Dwana għall-ħlas tad-dazju m'hiex kontrattwali u kwindi ebda pratika bejniethom ma tista tinħoloq, diversa mil-liġi, li torbothom bħala vinkolu kontrattwali. Bejniethom ma jistax ikun hemm "klawżoli sottintiżi, bażati fuq l-intenzjoni tal-partijiet, li jinterpretaw il-volonta tagħhom." Pratika amministrativa tista tkun tajba jew ħażina, fid-dawl

tal-liġi li minnha tiddependi. Bħal ma, jekk ħażina, ma tistax torbot liċ-ċittadin *ankorke tkun ilha tiġi osservata* għall-itwal żmien, hekk ukoll, ankorke tajba għaċ-ċittadin ma tistax torbot lill-Istat jew lil-funzjonarju pubbliku jekk hu jidhirlhu li m'għandux jibqa jsegwiha għax mhix kon*formi mal-liġi* jew *mhiex* taħti r-riżultati li skond il-liġi kellha taħti fl-interess pubbliku.

Del resto ma jidhirx ċar liema suppost kien l-"użu" li bih tqies vinkolat l-appellant. Ovvjament dan ma satax kien marbut li jibqa jinqeda bis-servizzi partikolari ta' ċertu mpjegat tiegħu, jew li jibqa jaċċetta u joqgħod fuq l-isti*mi magħmulin minn dak l-impjegat jekk deherlu li dawk* l-istimi kienu ħżiena jew żbaljati, jew li jibqa jadotta fl-istima — li għaliha hu, bħala Kap tad-Dipartiment kien responsabbli — il-kriterji ta' dak l-impjegat.

Jekk l-'użu' jiġi magħmul jikkonsisti fil-**pratika li jingħata xi tnaqqis mill-prezz tal-fattura**, dan l-'użu" baqa jiġi segwit mill-appellat u ġie segwit minnu anki fil-każ ta' l-appellat; *id-differenza hi biss illi ma ġiex* mogħti l-istess nuqqas li żbaljatament, fil-fehma ta' l-appellant kien qed jiġi mogħti qabel.

Dana kollu jidher li issa jirrikonoxxih anke l-appellat innifsu, li fin-nota tiegħu, preżentata wara t-trattazzjoni orali ta' l-appell, issottometta illi l-kwistjoni ġiet reportata fis-sentenza ta' l-ewwel Onorabbli Qorti. Hu ma għadux jippretendi illi l-appellant kien vinkolat bl-istima li għamel Robert Butler jew b'xi użu anteċedenti. Dak li qed jissottometti hu biss *illi l-istima kif* magħmula *mill*-appellant kienet eżaġerata u għalhekk il-valur ġust u reali tal-karrozza għandu jiġi ffissat mill-Qorti.

U verament din hi l-unika kwistjoni.

Biex wieħed jara jekk il-pretensjoni ta' l-appellat kienitx legalment fondata jew le, dak li għandu jiġi kkunsidrat hu jekk il-valur attribwit lill-karrozza mill-appellant huwa jew le entro l-limiti permessi mil-liġi.

Ġa ġie rilevat illi, skond il-liġi, id-dazju għandu proprjament jiġi mħallas fuq il-prezz tax-xiri skond il-fattura bl-addizzjoni ta' l-ispejjeż tat-trasport u l-assigurazzjoni. L-appellat jammetti illi, bħala prezz tal-karrozza ġdida hu ħallas £814: l-ispejjeż l-oħra ma humiex magħrufa. Invece l-appellat eżiġa dazju biss fuq £750. Fin-nuqqas ta' disposizzjonijiet oħra tal-liġi kif allura kienet viġenti huwa għalhekk ċar illi l-istima magħmula mill-appellant kienet inqas minn dik li l-liġi kienet tippreskrivi jew tawtorizza: u kwindi l-appellat ma jista jkollu ebda ilment, ġudizzjarament inforzabbli kontra l-appellant.

Għal kull fini legali, il-Qorti propriament għandha tieqaf hawn. Kieku, pero, kellha tesprimi opinjoni jekk il-konċessjoni li l-appellant għamel lill-appellat kienetx ekwa jew le, il-Qorti ma kienx ikollha eżitazzjoni li tgħid illi kienet ekwa u adegwata. *Talli l-appellat, wara li xtara l-karrozza* **ġdida, bil-ħsieb mil-bidu li jimportaha Malta** għamel vjaġġ biha fil-kontinent, qabel imbarkaha għal Malta, l-appellant naqqaslu mill-prezz u l-ispejjeż li fuqhom id-dazju kien altrimenti jitħallas, xi £100. Dan ma jidhirx inekwu meta wieħed iqis kif l-istimi jidhru li jsiru f'pajjiżi oħra.

B'nota ppreżentata fit-23 ta' Frar, l-appellat ippreżenta d-dokumenti markati Z1, Z2, Z3. Mhux ċar xi xtaq jipprova bihom favur tiegħu nnifsu. *Dak li jidhru li jippruvaw in*kontestabilment hu, invece, kemm kienu għal kollox żbaljati l-kriterji ta' stima li kienu qabel qed jiġu adottati mill-

official valuer. Bl-ittra Zi Robert Butler staqsa, fost affarijiet oħra lill-Editur tal-ġurnal "Practical Motorist":

> "What do you consider the depreciation on motor cars delivered in U.K. and on the Continent and driven *overland to Malta covering anything from 1200 miles,* 3000 miles or say, 5000 miles, at times slightly damaged and with some scratches?"

L-Editur irrisponda:

> "It is almost impossible for us to suggest a depreciation figure without knowing the state of the market in Malta. If demand is high, depreciation might be as low *as 10 per cent. Or there might be no depreciation* at all. For example, a used car exported from Britain to New Zealand actually appreciates in value. **One would normally expect a figure of between 10 and 25 per cent, depending on local conditions".**

Preżumibilment dawn il-limiti ta' minimu u massimu jikkorrispondu — salvi raġunijiet oħra — għal-limiti minimu u massimu tal-miljaġġ imsemmi fil-mistoqsija. Fil-każ preżenti l-car in kwistjoni kienet *ikkopriet 1300 mil, ċioe* bejn wieħed u ieħor **il-minimu**. Prova ta' ħsara jew danni *ma* hemmx Vwoldiri d-depreciation setgħat kienet xi 10%. Intant fl-istima li għamel Butler ġiet mogħtija depreciation ta' fuq l-40%.

Għal dawn il-motivi l-Qorti tilqa l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata u tiċħad it-talbiet ta' l-appellat bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tiegħu.